MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Talba Numru. 19/2015

**Marvin Zammit**
**ID 86675M**

**Vs**

**Mark Saliba**
**ID. 273371M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Jannar, 2015 fejn l-attur talab illi l-attur kien gie inkarigat biex jaghmel xi xogholijiet u cioe' tibdil ta' rampa fil-propjeta tal-konvenut;

Illi l-attur ta' stima lil konvenut fuq dak li ra u fuq dak li infurmah bih il-konvenut;

Illi x'hin bdew ix-xogholijiet irrizulta illi tali xoghol ma setghax isir minhabba l-fatt li r-rampa kien fiha ammont hafna aktar ta' cement u ghaldaqstant kien hemm

bzonn spejjes addizzjonali ta' ingenji, materjal u anke hin aktar sabiex ix-xoghol jigi komplut;

Illi l-konvenut qatt ma ilmenta dwar ix-xogholijiet hlief wara li rcieva l-kont xhur wara li tlestew ix-xogholijiet u ghaldaqstant dana jidher car li tali ilment kien biss ghaliex il-konvenut ma jridx jhallas l-ammont dovut;

Illi kien hemm anke attentat sabiex jaslu ftehim bonarju pero' l-konvenut ma riedx lanqas li jsir ftehim ghaliex ma riedx jhallas l-ammont dovut u ghaldaqstant giet intavolata din il-kawza.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

Illi x-xogholijiet mertu ta' din il-kawza ma sarux skond is-sengha u l-arti;

Illi b'konsegwenza tal-imsemmija xogholijiet, il-konvenut garrab diversi danni/hsarat u kien sahansittra kostrett jwettaq xogholijiet rimedjali, a spejjez tieghu, fil-propjeta tieghu stess. Illi b'referenza ghal dak indikat fl-Avviz, m'huwiex minnu illi l-konvenut ma lmentax mal-attur dwar il-hsarat illi huwa garrab b'rizultat tax-xogholijiet minnu imwettaq, tant illi huwa stess kien zar personalment fuq il-lant tax-xoghol sabiex jikkonstata l-imsemmija hsarat. Illi l-konvenut qieghed filfatt jipprevalixxi ruhu minn dawn il-proceduri sabiex jintavola kontro-talba kontra l-istess attur ghall-hlas tal-imsemmija danni sofferti mill-konvenut;

Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont hawn pretiz jeccedi l-ammont illi kellhom jiswew l-istess xogholijiet kif indikat mill-istess attur fl-Order Confirmation datat 26 ta' Mejju, 2014 approvat mill-konvenut;

Illi in oltre, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur qieghed jitlob hlas ta' xogholijiet illi ma twettqux minnu u/jew minn nies imqabbda minnu, izda minn terzi imqabda u mhallsa mill-istess konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

U fl-istess waqt ressaq kontro talba fejn talab illi l-attur rikonvenzjonat gie inkarigat sabiex jaghmel xogholijiet fil-propjeta tal-konvenut rikonvenzjonant;

Illi l-konvenut rikonvenzjonant garrab diversi hsarat/danni b'rizultat ta' xoghol traskurat, negligenti u b'nuqqas ta' hila u professjonalita kif ukoll mis-sengha u l-arti, ghal liema hsarat/danni l-attur rikonvenzjonat huwa unikament responsabbli;

Illi tali hsarat/danni jammontaw ghas-somma ta' elfejn, hamsa u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,025.96) li jinkludu fost ohrajn ukoll spejjez relatati ma xogholijiet rimedjali illi l-konvenut rikonvenzjonant kellu jwettaq fil-propjeta' tieghu b'rizultat tax-xogholijiet imwettqa mill-attur rikonvenzjonant, inkluz tibdil tal-pool pump;

Ghaldaqstant l-attur rikonvenzjonant ghandu jigi kkundanat ihallas lill-konvenut rikonvenzjonnant is-somma ta' elfejn, hamsa u ghoxrin ewro u sitta u disghin centezmu (€2,025.96) rapprezentanti danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant kif fuq inghad, bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra l-istess attur rikonvenzjonat millum ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-attur ressaq risposta fit-12 ta' Frar, 2015 fejn eccepixxa illi x-xogholijiet saru skond is-sengha u l-arti u fuq l-istruzzjonijiet ta' l-istess konvenut Mark Saliba.

Illi din il-kontro talba qedgha issir biss sabiex peress li kif intqal fit-talba l-konvenut ma riedx ihallas l-ammont dovut u ma urew ebda diffikultajiet li l-allegazzjonijiet ta' xoghol hazin bdew isiru wara li rcevew il-kont li kien wara li tlestew ix-xogholijiet;

Illi meta bdew ix-xogholijiet gie ikkonstat illi s-saqaf kien doppju u mhux kif qal il-konvenut u ghaldaqstant ix-xoghol kien jirrikjedi salarji u aktar zmien bhala kif sejjer jigi ppruvat fil-kawza.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Frar, 2015 l-attur irriduca t-talba ghal mitejn tmien mija u hmistax-il ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2,815.48).

Illi l-konvenut ressaq eccezzjonijiet ulterjuri fid-9 ta' Marzu, 2015 fejn eccepixxa illi permezz taghha, in ottemperanza mal-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar, 2015, u in vista tal-prezentata tal-kont Dok ZM4, l-konvenut qieghed iressaq eccezzjonijiet ulterjuri ossija:

Illi l-istess konvenut m’ghandux jigi ikkundannat ihallas ghal xogholijiet rimedjali u addizzjonali illi l-attur seta ghamel u li qieghed jitlob il-hlas tieghu mill-konvenut, kif jirrizulta mill-kont Dok ZM4 imsemmi, meta tali xoghol rimedjali u addizzjonali gie necessiat minhabba traskuragni, negligenza, nuqqas ta’ hila u/jew professjonalita hekk kif mitlub mis-sengha u l-arti fil-qadi tax-xoghol illi l-istess attur tqabbad illi jaghmel mill-konvenut;

Illi l-attur, waqt il-qadi tax-xoghol, fl-ebda moment ma avza lill-attur bil-pretenzjonijiet addizzjonali indikati fl-imsemmi Dok ZM4 li ma humiex inkluzi fl-Order Confirmation datat 26 ta’ Mejju, 2014 approvat mill-konvenut.

Illi in vista ta dan il-konvenut irriduca l-kontro talba tieghu ghal elf tlett mija u hamsa u ghoxrin centezmu u sitta u disghin ewro (€1,325.96).

Il-partijiet resqu l-provi taghhom fejn l-attur spjega meta xehed hu u oermezz tax-xhieda li ressaq illi meta mar l-ewwel darba biex jara x-xoghol hu hareg stima pero'  dakinhar ma setax jikkonferma l-hxuna tal-konkos. Meta beda x-xoghol irrejalizaw illi l-konkos kien ohxon u ddecidew li jgibu excavator. Gara illi waqt li kien ghaddej ix-xoghol minhabba l-hxuna tal0konkos ir-rampa cediet u gibdet il-hitan tal-genb u ghamlet il-hsara fil-propjeta tal-konvenut.

Il-konvenut min-naha tieghu spejga illi l-attur kien mar jara x-xoghol qabel beda u sahansitra dahal that ir-rampa biex jara minn that.

Fl-opinjoni tat-Tribunal l-attur ma hax il-prekawzjonijiet kollha mehtiega biex ir-rampa ma taghmilx hsara waqt li tkun qed titkisser. Per ezempju din ma inqatghetx fil-genb taghha biex tigi eliminata kompletament minn mal-hajt u tinqata x-xibka totalment mill-genb. L-attur nizel anki that ir-rampa u hekk kien jaf illi r-rampa ma

kellhiex ilqugh minn that u kienet in arja. Ma ha l-ebda prekawzjoni biex din ikollha sapport minn isfel.

Fir-rigward tal-uzu tal-excavator din kienet decizzjoni tal-attur x'makkinarju juza u ghalhekk ma ghandux ibatih il-konvenut.

It-Tribunal ghalhekk jaqta' u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn ewro (€2,000) biex hekk naqas l-ammonti li ma kienux inkluzi fl-ewwel stima li ghalihom messu haseb l-attur u t-Tribunal qieghed jiehu in konsiderazzjoni il-hames mitt Ewro (€500) li thallsu bhala deposit.

Fl-istess waqt tilqa' l-kontro talba tal-konvenut fl-ammont ta' elf tliet mija u hamsa u ghoxrin ewro (€1,325) biex hekk tikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mija hamsa u sebghin ewro (€675) lil attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karrigu tal-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------